# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tal-Hamis 10 t'Ottubru 2024**

**Talba nru. 161/2019**

**CHARLES BALDACCHINO**
**(KI 431676M)**

*VERSUS*

**CHARLES ELIA MUSCAT**
**(KI 84175M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz ta' Talbaipprezentata fis-26 ta' Gunju 2019, l-attur talab lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' hamest elef Ewro (EUr 5000) jew somma verjuri, bilanc parti minn somma akbar, rappezentanti prezz ta' xoghol ta' bini u demolizzjoni ta' fond immobbli li sehh gewwa Triq Sant Antnin Sliema. Bl-Ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficcjali 1255/19 u bl-imghax.

Ra illi l-konvenut ipprezenta risposta fit-22 ta' Lulju 2019 fejn eccepixxa illi prelimarjament l-inkompetenza tat-Tribunal minhabba rationae valoris stante illi maghdud l-imghax reklamat jezorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal u li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra illi fl-ewwel seduta u cioe fit-22 t' Ottubru 2019, l-attur irrinunzja ghall-pretenzjoni tieghu ghall-imghax u li in vista ta' dan, l-konvenut irtira l-eccezzjoni preliminari tieghu.

Ra l-affidavits ta' Marilyn Gatt Baldacchino, Charles Baldacchino, Maurizio Gauci, Charles Muscat u Dorian Sciortino.

Sema x-xhieda.

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra l-atti processwali.

Sema s-sottomissjonijiet tad-difensuri.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi qabel danit-Tribunal jghaddi biex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli li jsir riassunt tal-provi migbura.

Illi xehdet Marilyn Gatt Baldacchino permezz ta’ affidavit illi tghid illi hija tiehu hsieb il-kontijiet u x-xoghol amministrattiv tar-ragel taghha Charles Baldacchino. Tghid illi r-ragel taghha kien beda b’xogholijiet ta’ twaqqiegh ta’ zewg postijiet f’Tas-Sliema u dan kif miftiehem mal-konvenut. Ix-xhud tghid illi fl-ewwel gurnata li bdew xogholijiet u cioe fit-18 t’Ottubru 2018 hija kienet baghtet email bil-kwotazzjoni tax-xogholijiet li kienu ser isiru li kienu jammontaw ghal Eur 15000 bla VAT.

Ix-xhud tkompli tghid illi l-konvenut kien ikkonferma l-kwotazzjoni permezz ta’ email. Minkejja dan, wara li fit-23 t’ Ottubru 2018 kien lesta x-xoghol ta’ twaqqiegh, il-konvenut ma bediex iwiegeb lill-attur meta dan ta’ l-ahhar beda jcempillu biex jithallas.

Fil-11 ta’ Dicembru 2019, il-konvenut kien ghamel pagament ta’ Eur 6000 fi flus kontanti u wara hafna telefonati fit-23 ta’ Frar 2019 sar pagament iehor ta’ Eur 4500. Il-mara ta’ l-attur tkompli tghid illi fis-7 ta’ Marzu 2019 l-attur cempel lil konvenut u dakinhar il-konvenut ghadda Eur 1500 lill-attur u infurmah li ma kienx baqa bilanc x jithallas. Waqt din il-laqgha bejn l-attur u l-konvenut, kien hemm Maurizio Gauci li kienet il-persuna li laqqet lill-partijiet. Meta Maurizio Gauci baqa jinsisti mal-konvenut biex jaghti aktar flus lill-attur, il-konvenut kien hareg eur 500 ohra. Ix-xhud tghid illi b’dan il-pagament, it-total ta’ flus imhallsa kien Eur 12500.

Ix-xhud tghid illi *“Fis-7 ta’ Marzu stess, dak il-hin li Muscat tah il-flus, Muscat talab lil Charles Baldacchino sabiex jaghtih il-mobile tieghu u min fuqu Muscat kiteb messagg indirizzat lil Muscat stess fejn kien ighid li Charles Baldacchino inghata s-somma ta’ Eur 2000 u dak kien l-ahhar pagament u il-kont inqata*.” (Fol.27). Meta Maurizio Gauci ra lill-konvenut jikteb hekk, kien hataf il-mobile minn idejn il-konvenut u ma hallihx jibghat dan il-messagg. Dan kollu x-xhud ratu b’ghajnejja stess ghaliex tghid illi kienet fuq il-post u li hi stess hassret dan il-messagg minn fuq il-mobile. Ix-xhud tikkonkludi illi l-konvenut kien baqalu jhallas Eur 2500 bilanc u madwar Eur 2500 VAT.

L-attur permezz ta’ affidavit ighid illi huwa jahdem bhala kuntrattur u jaghmel xoghol ta’ twaqqiegh u bini u li kien gie inkarigat jaghmel xogholijiet ghall-konvenut u ikkonferma dak kollu li qalet il-mara tieghu fl-affidavit taghha.

Xehed ukoll Maurizio Gauci permezz ta’ affidavit (Fol.32) illi jghid illi huwa jaghmel xogholijiet ta’ turnkey projects. Kien mar jahdem xi xogholijiet ghall-konvenut bhal membrane u waqt dawn ix-xogholijiet kien irrakomanda lill-attur sabiex jaghmel xogholijet ta’ twaqqiegh ghall-konvenut. Ix-xhud ighid illi jiftakar illi l-konvenut ma riedx ihallas l-ammont kollu li hu stess kien ikkonferma u cioe l-ammont totali ta’ Eur 15000 ghalkemm ix-xogholjiet kienu saru. Jghid li kien prezenti wkoll meta inqala argument bejn il-partijiet ghaliex il-konvenut ma riedx ihallas iktar milli kien hallas u ipprova jibghat messagg mill-mobile ta’ l-attur f’dan is-sens.

Il-konvenut xehed permezz ta’ affidavit (Fol.49) li jghid li xogholu huwa ta’ Project Management Service u Turnkey projects u building contractor u li kien qed ifittex kuntrattur sabiex iwettaq xogholijiet ta’ twaqqiegh f’ tas-Sliema. Jghid li kien tkellem ma’ Maurizio Gauci li kien semmielu

lill-attur. Meta l-konvenut iltaqa ma' l-attur kien ghamililu cara illi x-xoghol ried jibda fl-1 t'Ottubru u jitlesta fi zmien gimghatejn.

Il-konvenut jghid, "*Charles Baldacchino meta spezzjona x-xoghol qalli naqdik, m hawnx affarijiet kbar u qalli wkoll li peress li x-xoghol kien urgenti ried Eur 13,000. JIen ghamiltielu cara illi fit-13 t'Ottubru kien gej tat-tahmil u filwaqt li accettajt il-prezz avolja kien gholi, ghamiltlu premura li pero sa dakinhar li jigi tat-tahmil huwa ried ikun lest. Ghidtlu wkoll illi jekk ilesti kif miftiehem fiz-zmien kont lest li ncedi l-commission tieghu ta' Eur 2000 bhala bonus,basta jlesti fil-hin*."

Izda il-konvenut ighid li meta wasal Ottubru, l-ewwel l-attur ma bediex iwiegbu u wara kien mar ghamel tlett ijiem xoghol u telaq minhabba li kien imhabbat b'xoghol iehor. "*Imbaghad Baldacchino fit-8 t'Ottubru kien bghatli email jghid li l-prezz kien ta' Eur 15000 u jien ghidtlu li dak il-prezz jghodd 'as per time-frame'*."

Minhabba dan id-dewmien, sakemm gie tat-tahmil, l-attur kien ghadu mhux lest mit-twaqqiegh u ghaldaqstant Adrian, maghruf bhala ta' 'Galetta' li kellu jaghmel it-tahmil kien waqqa l-faccata tal-postijiet hu stess sabiex ma jhalliex lill-haddiema tieghu idle. Dan wassal biex saru hsarat u l-konvenut ighid illi tilef ir-reputazzjoni tieghu minn ma min kien qabbdu biex jaghmel xogholijiet.

Il-konvenut ighid illi l-andament tax-xoghol kien inbidel kompletament minhabba li t-twaqqiegh beda jsir mill-kuntrattur tat-tahmil u l-attur spicca kwazi m'ghamel xejn. Fir-rigward tal-prezz il-konvenut ighid illi kien car ma' l-attur u cioe illi il-prezz ta' Eur 13,000 kien wiehed gholi izda li kien lest li jhallas u sahansitra jaghtih Eur2000 bonus kemm-il darba x-xoghol jitlesta fil-hin.

Waqt argument li kien inqala, il-konvenut kien ta Eur 2000 lill-attur bhala l-ahhar pagament izda bl-intervent ta' Maurizio, ma kienx thalla jikteb li dan kien l-ahhar pagament. Ghaldaqstant, l-attur telaq bl-Eur 2000 kontanti u ma nkiteb xejn fuq dawn il-flus.

Xehed ukoll Dorian Sciortino li huwa foreman ma' Galletta Construction, li ikkonferma illi l-kumpannija fejn jahdem kienet giet imqabbda biex taghmel xoghol ta' tnehhija ta' materjal f' tas-Sliema. Jikkonferma illi t-twaqqiegh kellu jkun lest fi zmien hmistax sabiex huma jkunu jistghu jibdew x-xogholijiet. Jghid illi fit-13 t'Ottubru 2018 kienu hadu l-excavator fuq is-sit izda ma setghux jibdew jahdmu ghax it-twaqqiegh ma kienx ghadu lest. Fis-17 t'Ottubru 2018 kienu komplew x-xoghol tad-*demolition* huma stess.

Fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2024, xehed in kontro ezami l-attur fejn qal illi is-sit fejn kellu jsir ix-xoghol ma kienx tal-konvenut, izda huwa kien tqabbad direttament mill-konvenut sabiex jaghmel ix-xogholijiet. Matul il-kontro ezami, l-attur ighid a fol.87: -

"*Ix-xoghol jiena waqqajtu kien diga hemm certu nies li bdew qabli, ma kontx naf, waqqghu parti minn l-istruttura u ma nafx x'inhi r-raguni ghal xiex ma komplewx huma . . .*"

Mistoqsi fuq l-involviment ta' Galletta, l-attur ighid illi xogholu kien ghamlu kollu u li l-kuntrattur Galetta kellu x'jaqsam mat-terrapin. L-attur jispecifika illi l-garr tat-terrapin ma kienx parti mix-xoghol illi kellu jaghmel u a fol.89n jghid illi:

"*Jigifieri inti meta twaqqa din il-blokka ha jintela bit-terrapin, jithammel imbaghad bl-escavator, il-kumplament li jkun intela bix-xoghol, mhux ser twaddab fit-triq*".

Ikkunsidra

Illi din il-kawza tittratta talba mill-attur ghal bilanc ta' somma ikbar li hija dovuta mill-konvenut ghal xogholijiet li esegwixxa l-attur fuq ordnijiet ta' l-istess konvenut. Min0naha tieghu l-konvenut jilqa ghat-talba attrici billi jghid illi l-bilanc pretiz mill-attur mhux dovut ghaliex ix-xoghol ma kienx tlesta kollu u kellu jaghmlu kuntrattur iehor.

Mill-provi pprezentati quddiem dan it-Tribunal ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-konvenut kien qabbad lill-attur, tramite intermedjarju, sabiex jaghmel xogholijiet ta' twaqqiegh f'sit ta' kostruzzjoni. Meta l-konvenut tressaq ghand l-attur, saru diskussjonijiet illi immaterjalizzaw ruhom f'konferma permezz ta' e-mails li intbaghtu.

Fil-fatt a fol.30 ta' l-atti processwali, il-konvenut kien wiegeb fit-8 t'Ottubru 2018 bis-segwenti, "*I confirm the attached quote within our time frame agreed*". Din l-istima kienet tammonta ghal prezz totali ta' hmistax-il elf Ewro (Eur 15,000). Minn dan il-prezz, mhux kontestat lanqas illi thallas l-ammont ta' tnax-il elf u hames mija (Eur 12,500).

Illi gara huwa illi ma' l-ahhar pagament, il-konvenut ried illi ma jhallasx iktar u cioe il-bilanc ta' elfejn u hames mitt Ewro (Eur 2,500). Ir-ragunijiet tal-konvenut ivarjaw tul il-kawza izda huma bbazati fuq zewg binarji. L-ewwel wahda hija illi l-attur ma lestiex ix-xoghol kollu fiz-zmien miftiehem. Din il-linja ta' difiza tal-konvenut kienet giet proposta minnu (u mhux kontestata) meta kien accetta l-istima fl-email tat-8 t'Ottubru 2018. Il-konvenut ighid illi kien lest ihallas dan l-ammont ta' Eur 15,000 kemm-il darba x-xoghol jitlesta fiz-zmien maqbul.

Minkejja l-emfazi tat-*time frame* min-naha tal-konvenut, dan it-Tribunal ma giex ipprezentat b'xi forma ta' qbil jew ftehim li jirrispekkja l-perjodu li fih kellu jibda u jitlesta x-xoghol. Lanqas tressaq xi xhud, illi ta x jifhem illi l-attur hareg lil hinn mill-perjodu stabbilit jew miftiehem mal-konvenut ghat-tlestija tax-xoghol.

Tul il-kawza, l-konvenut emfasizza iktar fuq il-fatt, illi l-attur ma lestiex ix-xoghol kollu. Fil-fatt kemm fix-xhieda tieghu u mill-uniku xhud tieghu, l-emfazi kien fuq il-fatt illi kuntrattur iehor u cioe Galletta kellu jlesti x-xoghol minflok l-attur.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa propju dan il-punt li ghandu janalizza dwar jekk l-attur jimmeritahx o meno li jiehu l-hlas kollu u allura l-bilanc dovut stante illi fuq il-kwistjoni tat-timeframe ma ngiebet l-ebda prova.

Kemm il-konvenut kif ukoll rapprezentant ta' Galletta u cioe Dorian Sciortino jghidu illi x-xoghol ta' thammil u garr sar kollu minn Galletta. Dan il-fatt, l-attur ma jichdux izda jghid illi dan ix-xoghol ma kienx jifforma parti mix-xoghol li kellu jaghmel hu u allura mhux parti minn dik is-somma ta' Eur 15,000 miftiehma. Dorian Sciberras jispjega wkoll illi huma kellom jaghmlu wkoll xi xoghol ta' demolition.

Ghaldaqsant, it-Tribunal huwa rinfaccat minn zewg pozizzjonijiet totalment kontrastanti fejn l-attur qed jghid illi x-xogholijiet kienu tlestew kollha u l-konvenut jargumenta illi kellu jqabbad lil haddiehor sabiex jitlesta x-xoghol ta' demolition.

L-attur tul il-kontro ezami jemfasizza illi xogholu lestih kollu u li dawk ix-xogholjiet li qed jirreferi ghalihom il-konvenut u li saru minn Galletta huma parti mill-prassi ta' kif isir ix-xoghol. Fil-fatt, l-attur ighid illi meta huwa jibda jwaqqa l-bini, is-sit jimtela bit-terrapin u bilfors ikollu jieqaf

sakemm xi hadd igorr il-materjal il-barra mis-sit. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ispjegazzjoni li ta l-attur ghandha mis-sewwa u cioe illi huwa lesta x-xoghol u kien baqa biss il-garr u t-tnehhija ta' l-ahhar partijiet illi ma setax jaghmel minhabba li ma kienx hemm fejn jitpogga l-materjal. Din il-fehma hija imsahha wkoll bil-fatt, illi meta l-attur kien qed jigri wara flusu, madwar tlett xhur wara t-tlestija tax-xoghol, il-konvenut qatt ma qajjem dawn il-punti li ressaq tul il-kawza.

Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-email datata 30 ta' Jannar 2019 li tinsab a fol.31 fejn wara insistenza ta' l-attur sabiex jithallas il-bilanc dovut, il-konvenut wiegeb, "*Payment will issue soon this week*". It-Tribunal jemmen illi kieku dak kollu li qed jallega issa l-konvenut u cioe d-dewmien u n-nuqqas ta' tlestija tax-xoghol, verament sehhew, il-konvenut kien mill-ewwel iressaq dawn l-ilmenti jew waqt ix-xogholijiet jew fil-mument illi kellu jhallas lil haddiehor sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet.

Illi tenut kont ta' dan kollu kif spjegat, dan it-Tribunal jemmen u konvint illi ghandu jilqa t-talba attrici ghal hlas tal-bilanc tax-xogholijiet u cioe elfejn u hames mitt Ewro (Eur 2500). Fir-rigward ta' l-ammont mitlub, l-attur jitlob hamest elef Ewro u jaqsam din is-somma f'elfejn u hames mja bhala bilanc u elfejn u hames mija ohra bhala VAT.

Illi l-attur ma ressaq l-ebda prova fuq hlasijiet ta' VAT jew nuqqas taghhom u l-arrangament bejn il-partijiet dejjem kien ghas-somma ta' hmistax-il elf Ewro bhala total, minghajr ma jissemma jekk it-taxxa tal-VAT kienex inkluza jew eskluza. Ma gew ipprezentati l-ebda ircevuti lanqas fiskali fuq l-ammonti imhallsa sabiex dan it-Tribubal jinghata x jifhem illi l-konvenut ghandu jhallas xi taxxa oltre dak pattwit. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jemmen illi kwalunkwe somma oltre il-bilanc tax-xogholijiet iwassal ghal arrikiment ingust a favur ta' l-atturi.

**Decide**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (Eur 2,500) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-26 ta' Gunju 2019 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur